

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2182/2004**

**tas-6 ta' Diċembru 2004**

**dwar midalji u *tokens* simili għall-muniti ta' l-euro**

(ĠU L 153M, 7.6.2006, p. 287)

Emendat minn:

Ġurnal Uffiċjali

Nru	Paġna	Data
-----	-------	------

►M1 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 46/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 L 17 5 22.1.2009

**▼B****REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2182/2004****tas-6 ta' Diċembru 2004****dwar midalji u *tokens* simili għall-muniti ta' l-euro**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet sentenza ta' l-Artikolu 123(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew (¹),

Billi:

- (1) Fl-1 ta' Jannar 1999, l-euro saret il-munita legali ta' l-Istati Membri parteċipanti skond il-ħtiġijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/1998 tat-3 ta' Mejju 1998 dwar l-introduzzjoni ta' l-euro (²) u ta' dawk il-pajjiżi terzi li kkonkludew ftehim mal-Komunità dwar l-introduzzjoni ta' l-euro, li huma Monako, San Marino u l-Belt tal-Vatikan.
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 975/1998 tat-3 ta' Mejju 1998 dwar id-denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti ta' l-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (³) ddefinixxa l-karatteristiċi bażżeċċi tal-muniti ta' l-euro. Muniti ta' l-euro, wara l-introduzzjoni tagħhom f'Jannar 2002, jiċċirkolaw fiż-żona ta' l-euro bħala l-unika valuta legali f'forma metallika.
- (3) Ir-Rakkmandazzjoni tal-Kummissjoni 2002/664/KE tad-19 ta' Awwissu 2002 dwar midalji u *tokens* simili għall-muniti ta' l-euro (⁴) rrakkmandat li ċerti karatteristiċi viżwali għandhom jiġu evitati fil-bejgħ u l-produzzjoni, l-ħażna, l-importazzjoni u d-distribuzzjoni, għall-bejgħ jew għal għanijiet kummerċjali oħra, ta' midalji u *tokens* li d-daqqs tagħhom huwa viċin ta' dak tal-muniti ta' l-euro.
- (4) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-23 ta' Luuju 1997 dwar l-użu tas-simbolu ta' l-euro stabbilit is-simbolu (€) u sejħet lil dawk kollha li jużaw il-munita biex jużaw is-simbolu għad-desk-rizzjoni ta' ammonti monetarji denominati f' euro.
- (5) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-22 ta' Ottubru 2001 dwar il-protezzjoni tad-dritt ta' l-awtur tad-disinn komuni tal-faċċata tal-muniti ta' l-euro (⁵) ddefiniet l-arranġamenti li għandhom jaapplikaw għar-riproduzzjoni tad-disinn komuni tal-faċċata tal-muniti ta' l-euro.
- (6) Il-karatteristiċi viżwali tal-muniti ta' l-euro ġew ippubblikati mill-Kummissjoni fit-28 ta' Diċembru 2001 (⁶).
- (7) Ċittadini jistgħu jiġu mgiegħħla jaħsbu li l-midalji u t-*tokens* li jkollhom it-termini “euro” jew “euro ċenteżmu”, is-simbolu ta' l-euro, jew disinn bħal dak li jidher fuq il-faċċata komuni jew fuq kwalunkwe faċċata nazzjonali tal-muniti ta' l-euro, għandhom status ta' valuta legali f' xi Stat Membru li adotta l-euro, jew fpajjiżi terz parteċipant.
- (8) Hemm riskju li qed jikber li midalji u *tokens* li għandhom daqs u propjetajiet mettallieċi bħal ta' l-euro jistgħu jiġi wżati illegalment minnflok il-muniti ta' l-euro.

(¹) ĠU C , 134, 12.5.2004, p. 11.

(²) ĠU L 139, 11.5.1998, p. 1. Regolament kif emdat mir-Regolament (KE) Nru 2596/2000 (ĠU L 300, 29.11.2000, p. 2.)

(³) ĠU L 139, 11.5.1998, p. 6. Regolament kif l-aħħar emdat minn Regolament (KE) Nru 423/1999 (ĠU L 52, 27.2.1999, p. 2.)

(⁴) ĠU L 225, 22.8.2002, p. 34.

(⁵) ĠU C 318, 13.11.2001, p. 3.

(⁶) ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1.

**▼B**

- (9) Huwa għalhekk importanti li midalji u *tokens* li għandhom karatteristiċi viżwali, daqs jew propjetajiet mettalliċi bħal dawk ta' l-euro m' għandhomx jinbiegħu, jiġu prodotti, importati jew mqassma għall-iskop ta' bejgħ jew għal għanijiet kummerċjali.
- (10) Kull Stat Membru għandu jintroduċi sanzjonijiet applikabbli għall-ksur, bil-ħsieb li tintlaħaq protezzjoni ekwivalenti ta' l-euro kontra midalji u *tokens* simili fil-Komunità kollha.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jaapplikaw id-definizzjonijiet seguenti:

- (a) “euro” tfisser il-valuta legali ta' l-Istati Membri parteċipanti kif definiti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 974/98 u ta' dawk il-pajjiżi terzi parteċipanti li kkonkludew ftehim mal-Komunità Ewropea dwar l-introduzzjoni ta' l-euro, minn issa 'l quddiem msejjħa “pajjiżi terzi parteċipanti”;
- (b) “simbolu ta' l-euro” jfisser is-simbolu li jirrappreżenta l-euro (€) kif muri u deskrirt fl-Anness I;
- (c) “midalji u *tokens*” jfissru dawk l-oġġetti metalliċi, li m' humiex dawk vojta maħsuba biex jinħadmu l-muniti, li għandhom id-dehra u/jew propjetajiet tekniċi ta' munita imma mhumiex maħruġa taħt dispożizzjonijiet leġislattivi nazzjonali tal-pajjiżi terzi parteċipanti jew dispożizzjonijiet leġislattivi oħra barranin, u li għalhekk m' humiex mezz legali ta' ħlas jew valuta legali;
- (d) “deheb”, “fidda” u “platinu” jfissru liġi ta' deheb, fidda u platinu b'finezza milleżimali fil-piż ta' mill-inqas 375, 500 u 850 rispettivamente. Din id-definizzjoni m'għandiex tikkonċerha konvenzjonijiet dwar il-boll ta' garanzija applikabbli fl-Istati Membri;
- (e) “Ċentru Tekniku u Xjentifiku Ewropew” (minn issa 'l quddiem msejjaħ “ETSC”) ifisser l-entitá stabbilita minn Deċiżjoni tal-Kummissjoni [...];
- (f) “strixxa ta' referenza” għandu jkollha t-tifsira mogħtija lilha f'Sezjoni 1 ta' Anness II.

**▼M1**

*Artikolu 2*

**Dispożizzjonijiet ta' protezzjoni**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 3 u 4, il-produzzjoni u l-bejgħ ta' midalji u tokens, u l-importazzjoni u d-distribuzzjoni tagħhom għall-bejgħ jew għal finniet kummerċjali oħra, huma pprojbiti fiċ-ċirkostanzi indikati hawn taħt:

- (a) meta t-termini “euro”, “ċenteżmu tal-euro” jew is-simbolu tal-euro jidher fuq il-wiċċ tagħhom;
- (b) meta d-daqs tagħhom jaqa’ fl-istrixxa ta’ referenza; jew
- (c) meta fuq il-wiċċ hemm disinn simili għal:
  - (i) kwalunkwe disinn, jew partijiet minnu, li jidher fuq il-wiċċ ta' muniti tal-euro, b'mod partikolari t-termini “euro” jew “ċenteżmu tal-euro”, it-tanax-il stilla tal-Unjoni Ewropea, ix-xbieha tar-rappreżentazzjoni ġeografika u n-numri, bl-istess mod kif jidħru fuq il-muniti tal-euro;
  - (ii) dawk is-simboli li jirrappreżentaw is-sovranità nazzjonali tal-Istati Membri, bl-istess mod kif inhuma rappreżentati fuq il-muniti tal-euro, b'mod partikolari x-xbiha tal-Kap tal-Istat, l-

**▼M1**

armi, il-marki taz-zekka, il-marki tal-mastru taz-zekka, l-isem tal-Istat Membru;

- (iii) il-forma jew id-disinn tat-tarf tal-muniti tal-euro; jew
  - (iv) is-simbolu tal-euro.
2. Il-Kummissjoni għandha tindika:

- (a) jekk oġġett metalliku jistax jitqies bħala midalja jew token fis-sens tal-Artikolu 1(c);
- (b) jekk midalja jew token jaqawx fl-ambitu tal-projbizzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tqis, b'mod partikolari, il-kwantitajiet ta' midalji u tokens prodotti, il-prezz tal-bejgħ, l-ippakkjar, l-iskrizzjonijiet fuq il-midalji u tokens, u r-riklamar li jsir fir-rigward tagħhom.

**▼B***Artikolu 3***Eżenzjonijiet****▼M1**

1. Il-midalji u t-tokens li fuqhom jidhru t-termini “euro”, “ċenteżmu tal-euro” jew is-simbolu tal-euro mingħajr valur nominali assoċjat m'għandhomx ikunu pprojbiti meta d-daqs tagħhom huwa barra mill-istrixxa ta' referenza, sakemm il-wiċċ m'għandux disinn simili għal wieħed mill-elementi previsti fl-Artikolu 2(1)(c).

**▼B**

2. Midalji u *tokens* li d-daqs tagħhom hu fil-limitu ta' l-istrixxa ta' referenza m'għandhomx ikunu projbiti meta:

- (a) ikollhom toqba ta' iżżejjed minn 6 millimetri fin-nofs, jew meta l-forma tagħhom tkun poligonali iż-żda ma taqbiżx sitt ix-far, sakemm il-kondizzjoni taħt punt (c)(ii) hi rispettata; jew
- (b) huma magħmulin minn deheb jew fidda jew platinu; jew
- (c) meta jiissodisfaw il-kondizzjoni li ġejjin:
  - (i) il-kombinazzjoni ta' dijametru u tul tax-xifer tal-midalji u *tokens* ikunu b'mod konsistenti barra mill-limiti definiti fkull wieħed mill-każiġiet spċifikati f'Sezzjoni 2 ta' Anness II; u
  - (ii) il-kombinazzjoni ta' dijametru u proprjetajiet mettallici ta' midalji u *t-tokens* ikunu b'mod konsistenti barra mill-limiti definiti fkull wieħed mill-każiġiet spċifikati f'Sezzjoni 3 ta' Anness II.

**▼M1***Artikolu 4***Derogi b'awtorizzazzjoni**

Il-Kummissjoni tista' tagħti awtorizzazzjoni spċifici li jippermettu l-użu tat-termini “euro” jew “ċenteżmu tal-euro”, jew is-simbolu tal-euro fuq il-wiċċ tal-midalji u tat-tokens, taħt kondizzjoni ikkontrollati ta' użu, sakemm ma hemm l-ebda riskju ta' konfużjoni. F'każiġiet bħal dawn, l-operatur ekonomiku kkonċernat fi Stat Membru għandu jkun identifikabbli b'mod ċar fuq il-wiċċ tal-midalja jew tat-token u, meta l-midalja jew it-token ikollha valur nominali assoċjat, l-indikazzjoni “mhixx valuta legali” għandha tkun stampata fuq il-wiċċ ta' fuq jew ta' taħt tal-midalja jew it-token.

**▼B**

*Artikolu 5*

**Midalji u tokens eżistenti**

Midalji u *tokens* li nħarġu qabel ma daħal fis-seħħ dan ir-Regolament li ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 2,3 u 4 jistgħu jkomplu jiġu wżati sa mhux iktar tard mill-2009, sakemm dawn ma jistgħux jintużaw minflok muniti ta' l-euro. Dawn il-midalji u *tokens* għandhom jiġu reġistrati, jekk ikun xieraq, skond il-proċeduri applikabbi fl-Istati Membri u kkomunikati lill-ETSC.

*Artikolu 6*

**Sanzjonijiet**

1. Stati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar sanzjonijiet applikabbli għall-ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Is-sanzjonijiet previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważi.
2. Stati Membri għandhom jadottaw sa 1-1 ta' Lulju 2005 il-ligħiġiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi sabiex jaapplikaw dan l-Artikolu. Għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

*Artikolu 7*

**Applikabbilitá**

Ir-Regolament għandu jaapplika fl-Istati Membri parteċipanti kif definit fir-Regolament (KE) Nru 974/98.

*Artikolu 8*

**Dħul fis-Seħħ**

Ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-publikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Ufficijal ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri skond it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitá Ewropea.

**▼B**

*ANNESS I*

**DEHRA TAS-SIMBOLU TA' L-EURO KIF IMSEMMI FL-ARTIKOLU 1**



**▼B***ANNESS II***1. Definizzjoni ta' l-istrixxa ta' referenza msemmija fl-Artikolu 1**

- (a) L-istrixxa ta' referenza għad-daqs tal-midalji u t-tokens hi s-sensiela ta' kumbinazzjonijiet bejn il-valuri għad-dijametru u l-valuri għall-għoli tax-xifer inklużi fil-limiti tar-referenza għad-dijametru u l-limiti tar-referenza għall-għoli tax-xifer rispettivament.
- (b) Il-limiti ta' referenza għad-dijametru huma bejn 19,00 millimetri u 28,00 millimetri.
- (c) Il-limiti ta' referenza għall-għoli tax-xifer huma bejn 7,00 % u 12,00 % ta' kull valur fil-limiti tar-referenza għad-dijametru.

**2. Limiti msemmija f'artikolu 3(2)(ċ)(i)**

Limiti definiti		
	Dijametru (mm)	Għoli tax-xifer (mm)
1.	19,45 – 20,05	1,63 – 2,23
2.	21,95 – 22,55	1,84 – 2,44
3.	22,95 – 23,55	2,03 – 2,63
4.	23,95 – 24,55	2,08 – 2,68
5.	25,45 – 26,05	1,90 – 2,50

**3. Limiti msemmija fl-artikolu 3(2)(ċ)(II)**

	Dijametru(mm)	Propjetajiet Mettalliċi
1.	19,00 – 21,94	Konduttività elettrika bejn 14,00 u 18,00 % IACS
2.	21,95 – 24,55	Konduttività elettrika bejn: — 14,00 u 18,00 % IACS; jew — 4,50 u 6,50 % IACS, sakemm il-midalja jew token ma jkunux ta' liga waħda u l-mument manjetiku tagħhom jkun barra mill-limiti bejn 1,0 sa 7,0 $\mu\text{Vs.cm}$
3.	24,56 – 26,05	Konduttività elettrika bejn: — 15,00 u 18,00 % IACS; jew — 13,00 u 15,00 % IACS, sakemm il-midalja jew token ma jkunux ta' liga waħda u l-mument manjetiku tagħhom jkun barra mil-limiti bejn 1,0 sa 7,0 $\mu\text{Vs.cm}$
4.	26,06 – 28,00	Konduttività elettrika bejn 13,00 u 15,00 % IACS, sakemm il-midalja jew token ma jkunux ta' liga waħda u l-mument manjetiku tagħhom jkun barra mill-limiti bejn 1,0 sa 7,0 $\mu\text{Vs.cm}$

**4. Rappreżentazzjoni grafika**

Il-grafika li ġejja tipprovdi illustrazzjoni indikattiva tad-definizzjonijiet f'dan l-Anness:

**▼B**